# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-6 t' Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 1245/2009 SM**

**Annie mart Alfred Gauci u**
**l-istess Alfred Gauci ghal**
**kull interess li jista` jkollu**

**vs.**

**Il-Prim Ministru ghan-nom**
**tal-Gvern ta' Malta**

**u**

**Direttur Ufficju Kongunt**

**u**

**Mario Mallia**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-21 ta' Dicembru, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi Annie Gauci ghandha titolu ta' qbiela tal-*plot* numru 4, Rabat il-Qorton, (*recte Landar El Coton)*, Triq it-Torri, l-Imqabba, (ara foll 18), u dan skont:

1.1.1. Testment datat it-23 ta' Gunju, 1981, *in atti* tan-Nutar Dottor Paul Pullicino, (ara foll 4);

1.1.2. Kuntratt datat l-1 t'April, 1970, *in atti* tan-Nutar Dottor Victor Bisazza, (ara foll 7);

1.2. Illi l-Gvern ta' Malta, tramite d-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt, kien avza lill-intimat Mario Mallia li kien qieghed jigi rikonoxxut bhala gabillott ta' porzjon raba` parti minn *plot* numru 1, Landar El Coton, l-Imqabba, (ara foll 18);

1.3. Illi r-rikonoxximent indikat fil-paragrafu precedenti sar in vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti billi jinkludi art imqabbla lilhom;

1.4. Illi ghaldaqstant aderew din il-qorti biex din tiddikjara:

1.4.1. Illi r-rikonoxximent fuq riferit sar in parti in vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti;

1.4.2. Illi ghalhekk tali rikonoxximent ghandu jigi xolt in parti;

1.4.3. Illi r-rikorrenti Annie Gauci ghandha tigi rikonoxxuta fil-qbiela bhala gabillotta tal-porzjon numru 4, Rabat il-Qoton, Triq it-Torri, l-Imqabba, (ara foll 2);

1.4.4. Tikkundanna lill-intimat Ufficju Kongunt biex jaghraf lir-rikorrenti Annie Gauci bhala gabillotta tal-porzjon raba` fuq riferit taht titolu ta' qbiela;

1.4.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-26 ta' Jannar, 2010, li permezz taghha il-Prim Ministru u d-Direttur intimat irrispondew bil-gurament sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi preliminarjament il-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur, u dan *a tenur* ta' l-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.2. Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati, u dan, ghaliex:

2.2.1. Il-Gvern hu s-sid tal-porzjon raba` maghruf bhala Parti Plot 1, Landar El Coton, fl-Imqabba, provenjenti gid tal-Fondazzjoni ta' Herbet el Forn, u trasferita lill-Gvern ta' Malta wara l-ftehim mas-Santa Sede datat it-28 ta' Novembru, 1991, u l-Att Numru IV ta' l-1992;

2.2.2. Illi meta r-raba` *de quo* ghaddiet ghand il-Gvern din kienet diga` moghtija b'titolu ta' qbiela lil Mario Mallia ghal sitt Liri Maltin, (Lm 6.00), fis-sena liema stat baqa` fis-sehh anke wara li l-proprjeta` *de quo* giet f'idejn il-Gvern ta' Malta;

2.2.3. Illi ghalhekk l-allegazzjoni li kien biss dan l-ahhar li d-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt li rrikonoxxa lil Mario Mallia bhala l-gabillott tar-raba` in dizamina hi ghal kollox inveritjera;

2.2.4. Illi in effetti l-imsemmi intimat Mario Mallia kien ilu maghruf bhala gabillott tar-raba` in kwistjoni ta' l-anqas mill-1993, meta l-proprjeta` *de quo* ghaddiet mill-amministrazzjoni tal-Kurja ghal dik tal-Gvern;

2.2.5. Illi li sar kien li gew rikonoxxuti d-drittijiet ta' certu Alfred Grech fuq l-istess raba`, u dan, skont sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata l-31 ta' Jannar, 2006, fl-ismijiet Mario u

Maria konjugi Mallia vs. Michael, David u Alfred Grech, (ara foll 29);

2.2.6. Illi s-sentenza riferita fil-paragrafu precedenti ghaddiet in gudikat *stante* li ma gietx appellata;

2.2.7. Illi l-kuntratt datat l-1 t'April, 1970, fuq gia` riferit, (ara foll 7), kien wiehed ta' divizjoni ta' l-*utile dominium* temporanju tar-raba` fi Triq it-Torri, formanti parti mill-fond numru 8 ta' l-istess Triq it-Torri, limiti ta' l-Imqabba liema koncessjoni enfitewtika ghalqet fl-1989, meta l-amministrazzjoni ta' l-entitajiet ekklestjastici kienet ghada m'ghaddietx f'idejn il-Gvern;

2.2.8. Illi rigward it-testment datat it-23 ta' Gunju, 1981, *in atti* tan-Nutar Dottor Paul Pullicino, fuq riferit, (ara foll 4), jinghad li l-legat tal-fond bir-raba` mieghu li thalla mit-testatur lill-hames (5) hutu u lir-rikorrenti Annie Gauci, kien jirrigwarda l-*utile dominium* temporanju ghaz-zmien li baqa` sas-sena elf disa` mija u disgha u tmenin, (1989), (ara foll 5);

2.2.9. Illi ghalhekk hi ghal kollox infondata l-aspettattiva li d-Direttur intimat jirrikonoxxi drittijiet emergenti mill-imsemmi testment meta l-Ufficcju intimat illum mhux biss hu direttarju ta' l-istess fond, izda ghandu drittijiet akbar minn hekk;

2.2.10. Illi *di piu`*, is-sentenza fuq citata, (ara paragrafu numru tnejn punt tnejn punt hamsa, (2.2.5.), aktar qabel), stabbiliet li:

> "... ladarba kien cens li jaghlaq, u ladarba kien cens dwar fond li ma kienx dar tal-abitazzjoni, r-regola hi li ma' l-gheluq tal-koncessjoni, il-gid kien jerga` jmur ghand id-direttarju bit-titjieb kollu li jkun sar fuqu", (ara foll 31 u 32);

2.2.11. Illi ghalhekk, f'dak iz-zmien il-beni *de quo* irrivertew lura ghand l-awtorita` ekklezjastika;

2.2.12. Illi b'hekk id-dritt ta' qbiela nghata lil Mario Mallia wara ftehim li sar bejn sid l-art *de quo* u l-gabillott;

2.2.13. Illi dan il-ftehim ma jirrizultax li sar mar-rikorrenti odjerni, li jidher li qatt ma gew rikonoxxuti bhala gabillotti, la mill-awtoritajiet tal-Knisja u lanqas mill-Ufficcju Kongunt;

2.2.14. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2.2.15. Salv risposti ulterjuri;

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-1 ta' Frar, 2010, li permezz taghha l-intimat Mallia sintetikament irrisponda bil-gurament bil-mod segwenti:

3.1. Illi l-mertu tal-kawza odjerna gia` gie deciz minn din il-qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet Mario Mallia et vs. Alfred Grech et deciza fil-31 ta' Jannar, 2006, (ara foll 29);

3.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati, u dan, ghaliex:

3.2.1. Illi mhux minnu li r-rikorrenti ghandha xi titolu ta' qbiela fuq l-art in dizamina;

3.2.2. Illi l-art *de quo* kienet proprjeta` tal-Kurja ta' l-Arcisqof u tqabblet lill-intimat odjern mill-istess Kurja fl-1990, (ara foll 46 A), *stante* li kien qieghed jahdimha;

3.2.3. Illi d-divizjoni li tirreferi ghaliha r-rikorrenti kienet limitata ghad-durata tac-cens temporanju ta' l-istess art, liema cens ghalaq fl-1989;

3.2.4. Illi dak indikat fil-paragrafu precedenti jidher fil-kuntratt ta' divizjoni datat l-1 t'April, 1970, (ara foll 7);

3.2.5. Illi meta l-imsemmi cens skada fl-1989, l-art in dizamina irritornat lill-Kurja;

3.2.6. Illi minn dan il-mument -il quddiem il-Kurja setghet tiddisponi mill-art in dizamina kif deherilha xieraq;

3.2.7. Illi anke matul ic-cens temporanju fuq riferit, ir-rikorrenti qatt ma hadmu l-art *de quo*;

3.2.8. Illi l-art in dizamina kienet kollha tinhadem minn Guzeppi Zammit li kien ihallas ic-cens kollu hu, (ara foll 44);

3.2.9. Illi l-intimat Mallia kien ukoll jahdem ir-raba` *de quo* flimkien ma l-imsemmi Zammit;

3.2.10. Illi malli skada c-cens il-Kurja qassmet il-qbiela u l-kera fi tlieta (3) u ordnat lil Zammit ihallas bil-mod segwenti:

3.2.10.i. Qbiela separata ghall-art *de quo*;

3.2.10.ii. Kera ghar-razzett sitwat fuq l-imsemmija art;

3.2.10.iii. Kera ohra ghall-garaxx sitwat qrib ir-razzett;

3.2.11. Illi meta l-imsemmi Zammit ma baqax jiflah jahdem l-art *de quo*, il-Kurja qabblet ir-raba` lill-intimat Mallia li kien jahdimha ma' l-imsemmi Zammit;

3.2.12. Illi meta r-raba` ghaddiet f'idejn l-Ufficcju Kongunt, dan l-Ufficcju kkonferma l-qbiela favur l-intimat Mallia, (ara foll 48 - 52), li allura irrikonoxxa qbiela li kienet gia` tezisti;

3.2.13. Illi r-rikorrenti Annie Gauci hi anzjana u ma tiflahx tahdem ir-raba` in dizamina;

3.2.14. Illi r-rikorrenti fethet il-procedura odjerna semplicement biex timpika ma’ l-intimat Mallia;

3.2.15. Illi l-procedura odjerna ma’ tistax twassal lill-Ufficcju KOngunt biex iholl qbiela li qabel kienet ghamlet il-Kurja;

3.2.16. Illi r-rikorrenti m’ghandhom l-ebda dritt fuq l-art *de quo*;

3.2.17. Illi in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

4. Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat is-16 ta’ Frar, 2010, li permezz tieghu astjeniet milli tkompli tisma` l-kawza u ordnat li l-atti tal-kawza jigu mghoddija quddiem gudikant iehor, (ara foll 67);

5. Rat l-ordni ta’ assenjazzjoni datat iz-19 ta’ Frar, 2010, (ara foll 92);

6. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta’ Dicembru, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 217);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati fl-atti;

9. Rat is-sottomissjonijiet skritti tar-rikorrenti, (ara foll 219), u ta’ l-intimati Direttur Ufficcju Kongunt u tal-Prim Ministru, (ara foll 227);

10. Rat il-verbal ta’ l-abbli rapprezentanti legali ta’ l-intimat Mallia datat il-5 ta’ Mejju, 2015, li permezz tieghu informa lill-qorti li qieghed jaderixxi ruhhu man-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-intimati l-ohra;

11. Rat il-verbal ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti kollha datat ukoll il-5 ta’ Mejju, 2015, li permezz tieghu

infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq in-noti minnhom sottomessi;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi in vista tal-premess il-vertenza in dizamina tista` tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

12.1. **Preliminari: Ir-Rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta:**

12.1.1. Illi din l-eccezzjoni preliminari timmerita l-analisi rikjest mill-intimati;

12.1.2. Illi in effetti, l-artiklu 181B tal-Kap 12 fuq riferit jirrisolvi l-lanjanza sollevata;

12.1.3. Illi fit-termini ta' l-istess artiklu hawn citat jirrizulta abbundantement assodat li generalment ir-rapprezentanza tal-Gvern fl-azzjonijiet gudizzjarji taqa` fuq il-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat mill-materja in dizamina;

12.1.4. Illi ghalhekk fil-kaz odjern ghandu jkun pacifiku li d-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt hu sufficjenti biex jassumi tali oneru procedurali *stante* li l-materja sollevata fil-procedura odjerna tikkoncerna medda ta' art li hi amministrata mill-imsemmi Direttur *stante* li qabel il-konkordat bejn is-Sante Sede u l-Gvern ta' Malta, l-istess art kienet tappartjeni lill-Kurja lokali;

12.1.5. Illi tenut kont tas-suespost ghandu allura jkun pacifiku li l-intimat adattat skond il-ligi ghandu jkun esklussivament id-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt u hadd aktar;

12.1.6. Illi ghalhekk l-intromissjoni tal-Prim Ministru hi wahda mhux biss superfluwa, izda anke illegali, u konsegwentement l-istess Prim

Ministru ghandu jigi estromess minn din il-procedura;

**DECIDE re l-Eccezzjoni Preliminari**:

12.1.7. Illi konsegwentement, filwaqt li takkolji l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati Prim Ministru u Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt, (ara paragrafu numru tnejn punt wiehed, (2.1.), aktar qabel, u foll 25), tillibera lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju;

12.2. **Il-Mertu**:

12.2.1. Illi l-art li fuqha hi bbazata l-kontenzjoni odjerna hi dik formanti parti minn art maghrufa bhala *plot* numru 1, Landar el Coton, l-Imqabba;

12.2.2. Illi l-imsemmija art tifforma parti mill-Fondazzjoni ta' Herbet el Forn liema art kienet trasferita mill-Kurja Arciveskovili lill-Gvern ta' Malta wara l-konkordat patwit bejn is-Santa Sede u l-istess Gvern fit-28 ta' Novembru, 1991, liema konkordat kien ukoll rez strument legali permezz ta' l-Att Numru IV ta' l-1992, Kap 358 tal-Ligijiet ta' Malta;

12.2.3. Illi r-rikorrenti Annie Gauci qed tivvanta d-dritt li tibqa` tahdem il-porzjon art meritu ta' din il-procedura, u dan:

12.2.3.i. Kemm ghaliex allegatament ghandha dritt enfitewtiku fuq l-istess raba`; u

12.2.3.ii. Kemm ghaliex allegatament hi tahdem l-istess raba`;

12.2.4. Illi *nonostante* l-allegazzjonijiet vantati mir-rikorrenti fuq imsemmija fir-rigward, jirrizulta minflok is-segwenti:

12.2.4.i. Illi meta l-porzjon raba` in dizamina, il-*plot* numru 4, Landar il-Coton, Triq it-Torri, l-Imqabba, ghadda f'idejn il-Gvern ta' Malta, l-istess porzjon art kienet gia` moghtija bi qbiela lill-intimat Mallia meta kienet espressament tqabblet lill-imsemmi Mallia mill-Kurja stess fil-15 t'Awwissu, ta' l-1990 ghal perjodu ta' tlett (3) snin sa l-14 t'Awwissu, ta' l-1993, u dan bi qbiela ta' sitt Liri Maltin, (Lm6.00), fis-sena, (ara foll 46 A);

12.2.4.ii. Illi din il-qbiela favur l-intimat Mallia baqghet tigi rikonoxxuta anke mill-Ufficcju Kongunt li eventwalment assuma r-responsabbilitajiet tal-Kurja Arciveskovili fir-rigward wara li gie fis-sehh il-konkordat fuq riferit, (ara paragrafu numru tnax punt tnejn punt tnejn, (12.2.2.), aktar qabel);

12.2.4.iii. Illi *di piu`*, l-istess drittijiet patrimonjali fir-rigward kienu wkoll gew espressament rikonoxxuti permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Mario u Maria konjugi Mallia vs. Michael Grech et, datata l-31 ta' Jannar, 2006, liema sentenza ghaddiet in gudikat, (ara foll 29 *et sequitur*);

12.2.4.iv. Illi s-sentenza riferita fil-paragrafu precedenti stabbiliet sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-kuntratt datat l-1 t'April, 1970, in atti tan-Nutar Bisazza, (ara foll 7), kien kuntratt ta' divizjoni ta' l-*utile dominium* temporanju rigwardanti r-raba`in dizamina sitwat fi Triq it-Torri, l-Imqabba;

2. Illi dan kien jifforma parti mill-fond numru 8, Triq it-Torri, l-Imqabba;

3. Illi l-koncessjoni enfitewtika temporanja ghalqet fl-1989, qabel ma' l-amministrazzjoni tal-beni ta' l-entitajiet ekklesjastici ghaddiet f'idejn il-Gvern;

12.2.4.v. Illi l-konsegwenza ta' l-istess id-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt ma' jistax jirrikonoxxi xi drittijiet allegati mir-rikorrenti imsejsa biss fuq it-testment fuq riferit datat it-23 ta' Gunju, 1981, (ara foll 4) *stante* li dan kien jittratta biss l-*utile dominium* temporanju rimanenti sas-sena 1989;

Ikkunsidrat:

13. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li d-dritt allegat mir-rikorrenti kien gia` skada gialadarba c-cens in dizamina ma kienx jirrigwarda jew jinkludi dar ta' l-abitazzjoni;

14. Illi konsegwentement, kif gia` stabbiliet is-sentenza pre-citata, rizultat ta' l-gheluq tac-cens *de quo*, il-gid involut jerga jirritorna ghand it-direttarju bl-ameljoramenti kollha li jkunu gew edifikati fuq l-istess;

Ikkunsidrat:

15. Illi ghaldaqstant meta fl-1989 gie terminat ic-cens temporanju involut, il-beni involuti, inkluz r-raba` meritu tal-procedura odjerna, ghaddiet lura f'idejn l-awtorita` ekklesjastika;

16. Illi meta hekk munita bit-totalita` tal-proprjeta` *de quo* l-istess awtorita` ekklesjastika ghazlet li tghaddi l-qbiela tar-raba` *de quo* lill-intimat Mario Mallia;

17. Illi r-rikorrenti ma jirrizultax li kienu b'xi mod rikonoxxuti fir-raba` in dizamina mill-imsemmija awtorita` ekklesjastika;

18. Illi meta l-proprjeta` kollha tal-knisja lokali ghaddiet f'idejn il-Gvern ta' Malta a bazi tal-konkordat datat it-28 ta' Novembru, 1991, inkorporat fil-ligijiet ta' Malta permezz tal-Kap 358 fuq gia` riferit, (ara paragrafu numru tnax punt tnejn punt tnejn, (12.2.2.) aktar qabel), ir-raba` in dizamina:

> "... kienet diga moghtija b'titolu ta' qbiela lil Mario Mallia ... bil-kirja ta' sitt Liri Maltin, (Lm6.00), fis-sena", (ara foll 192);

Ikkunsidrat:

19. Illi ghalhekk il-bazi tat-tezi tar-rikorrenti li qed tivvanta d-dritt taghha fir-rigward fuq it-testment ta' l-1989 fuq riferit, ic-cens hemm riferit kien gia` skada;

20. Illi ghalhekk, l-istess rikorrenti ma jirrizulta li ghandha l-ebda drittijiet fir-rigward tar-raba` *de quo*;

**DECIDE re l-Mertu tal-vertenza**:

21.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma pprovawx il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

21.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

21.2. Takkolji r-risposti rimanenti ta' l-intimati;

21.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Annie mart Alfred Gauci u l-istess Alfred Gauci fuq gia` riferiti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**